MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' April, 2013

Appell Kriminali Numru. 331/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Mario Galea**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identitia` numru 413059 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Settembru 2011, Ottubru 2011, u Novembru 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Maria Lourdes Galea u/jew lil ibnu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Gunju, 2012, li biha wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimghatejn detenzjoni.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta’ Gunju 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrifroma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, izda tirrevoka u thassaraha in kwantu l-appellant gie kkundannat ghall-piena ta’ gimghatejn detenzjoni u minflok tordna li l-istess appellant jigi kkundannat ghal dik il-piena anqas gravuza li joghgobha timponi din l-Onorabbli Qorti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
f
Illi dan l-appell hu limitat ghall-piena. Illi hu minnu bhala fatt li bhalma qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-.ismijiet Il-Pulizija v. Jonathan Attard moghtija fis-26 ta’ Mejju 2004:
‘I***ssa flt-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, mela jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din ikun tirrientra fil-limiti li tipprfiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita’ tad-decizjoni li jkun ha li jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li il-Qorti tkun tista ‘tasal ghaliha. Naturalment dan ma jflssirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta’ appell ma jidhlux f’ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero’, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta ‘l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-paramelri tal-ligi u ma jkun***

***hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat."***

Illi pero' kif inghad fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli
Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci, ***"mhux normali li din il-Oorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie rtlenut fl-Appell Kriminali (Superjuri) "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler" [26.2.2009] :- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogala mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifèstament sproporzjonala jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwei Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspeti parlikolari tal-kaz <u>(u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti)</u> li jkun jincidi b' mod partikolari fug il-piena. (Ara wkoll "Ir-Repubblika to' Malta vs. Bernard sive Benny Attard" [20.3.2009] App. Krim. Superjuri)"***
Illi fiI-kaz odjern tal-appellant Mario Galea, mhuwiex kontestat illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, kienet wahda li tirrientra fil-parametri tal-ligi.

Illi madankollu kif gara fil-kaz tal-Appell Kriminali citata supra fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci, u fil-kaz ta' "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler", ser jirrizulta li fl-mori tal-appell, l-appellant ser ikun ghamel dak kollu possibbli biex hallas dak dovut minnu bhala manteniment skont l-imputazzjoni. u ghalhekk ser tkun proprju sehhet "cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti", li l-Ewwel Qorti ma kellhiex il-possibilita' li tiehu in konsiderazzjoni fis-sentenza appellata w li ghalhekk tista' taghti lok ghal temperament fil-piena.

Illi rnhux hekk biss izda talli jigi umilment rilevat li dan mhux kaz ta' xi hadd li jrid jisfida l-ordni tal-Qorti ghall-hlas tal-manteniment, izda biss persuna li minhabba riduzzjoni drastika fl-introjtu tieghu, sab ruhu fl-impossibilita li jonora l-obbligu tieghu li jhallas manteniment li huwa sostanzjali.

Illi fil-fatt minn meta kien inhareg originatjament id-digriet fejn gie ikkwantifikat il-manteniment pagabli mill-appellant. l-ewwel sfaxxalu n-negozju tal-pitrolju, anki minhabba li martu bieghet l-istess truck tal-pitrolju fit-22 ta’ April 2010, li kien irendi hafna u sussewgentement l-appellant marad b’dipressjoni u ghalhekk il-kapacita tieghu li jiggenera introjtu prattikament zvinta fix-xejn. Dankollu maghdud flimkien wassal ghan-nuqqas ta’ ottemperanza mas-sentenza tal-Prim’Awla, u l-ebda raguni ohra. Illi l-appellant ghamel sforz sabiex jipprova jimmeljora s-sitwazzjoni billi ra kif ghamel u ta l-inqas hallas l-manteniment dovut ghax- xahar minn tlieta li huwa kien akkuzat dwarhom u qed jaghmel sforzi biex ihallas l-arretrati ta’ manteniment li fadallu jhallas.

Illi wkoll dan hu l-ewwel kaz fejn l-appellant qed jidher quddiem din l-Onorabbli Qorti. L-appellant ukoll mhuwiex xi bniedem refrattarju, anzi hu bniedem li spicca f’dan l-inkwiet fl-isfond ta’ separazzjoni personali.

Rat li fis-seduta ta’ llum mart l-appellant ikkonfermat li l-manteniment b’konnessjoni ma’ din is-sentenza kien thallas kollu.

Ghaldaqstant qed tirriforma s-sentenza tat-13 ta’ Gunju, 2013 fl-ismijiet premessi billi waqt li qed tikkonferma fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u qed tirriformaha fejn ikkundannat lill-appellant ghal gimghatejn detenzjoni u minflok qed tikkundannah ihallas emenda ta’ €58.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------